# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar iT-Tlieta 5 ta' Dicembru, 2000 .

**Avviz numru : 49/00Gt(GM)**

**Awtorita' Marittima ta' Malta .**

**Vs**

**Jesmond Pulis .**

**It-Tribunal :**

**Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta' attrici, li permezz tieghu, talbet illi prevja d-dikjarazzjoni li hija dovuta lill-Awtorita' attrici minnek konvenut is-somma ta' sittin lira maltin u hamsin centezmi (LM60.50c), tigi kkundannat li thallas lill-Awtorita' attrici dan il-pagament, liema somma hija dovuta minnek bhala *berthing fees* ghall-uzu ta' l-irmigg ghad-dghajsa tieghek maghrufa bl-isem "SHILLING", bin-numru 2164, u ghal servizzi ohra bi hlas li gew pprovduti lil din id-dghajsa fuq il-pontoons tal-Yatch Marina tax-Xatt tal-Imgarr, Ghajnsielem, u fuq talba tieghek, liema hlas baqa' ma giex saldat minnek minkejja diversi statements regolari u interpellazzjonijiet ghall-hlas li sarulek mill-Awtorita' attrici .**

**Bl-imghaxijiet mid-data li fiha gew ipprovduti dawn is-servizzi sal-effettiv pagament, li sal-lum jammontaw ghal hames liri maltin (LM5), u bl-imghax ulterjuri sal-hlas a saldu .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Awissu, 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni debitament imharrek .**

**Ra r-riferta pozittiva tan-notifika tal-istess avviz lill-konvenut imnejn irrizulta li gie korrettement notifikat fil-25 t'Ottubru 2000 ;**

**Ra d-deposizzjoni tal-avukat Dottor Mario Scerri li kkonferma d-debitu fl-ammont kif mitlub ;**

**Ikkunsidra :**

**Illi l-konvenut ma pprezentax risposta fit-terminu u la deher ghall-ewwel seduta u l-anqas ghat-tieni wahda u ghalhekk b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 13 tal-Att V tal-1995 ;**

**It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi**

**Jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' LM60.50c ammont dovut bhala berthing fees kif indikat fl-avviz tat-talba bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-7 ta' Awwissu 2000 .**

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S4900GtGm
314

**{udikatur**